

# Għawdex u d-Devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju

Kemm hi d-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju qawwija fil-gżira ta' Għawdex? Kemm hija mifruxa? L-aħjar ħaġa li wieħed jieħu aspett wieħed ta' din il-manifestazzjoni biex naraw kemm hija qawwija u fl-istess ħin mifruxa. Jien għażilt artali fil-knejjes parrokkjali. Għaliex artal? Artal hu s-simbolu ta' devozzjoni. Kien hemm bilfors grupp ta' nies li ħadmu fuq li ħadmu biex wieħed mill-artali jkun iddedikat lill-Omm Alla is-simbolu tar-Rużarju. Iżda qabel xejn kif bdiet din id-devozzjoni lejn Omm tagħna tar-Rużarju?

**L-Ewwel Passi**

id-devozzjoni lejn ir-rużarju f'Għawdex bdiet ftit wara l-Assedju l-Kbir, jiġifieri fis-sena 1578 meta Patri Dumnikani Giuseppe La Rocca waqqaf l-ewwel fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju f'din il-gżira. Dan kien fl-aqwa knisja li kellha Għawdex f'dawk iż-żminijiet - il-Matriċi jew il-Matriċi ta' l-assunta fil-Kastell. Illum din il-knisja hija l-knijsa katidrali ta' Għawdex. Maż-żmien id-devozzjoni bdiet tinxtered ma' Għawdex kollu. Issa ser induru parroċċa parroċċa biex naraw jekk hemmx illum artal iddedikat lil Marija Omm ir-Rużarju.

**Fontana**

Il-knisja parrokkjali tal-Fontana li hija ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Din tellgħet fis-sena 1892 u saret parroċċa fis-sena 1911. F'din il-knisja nsibu artal f'wieħed mill-kappelluni li hu ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Hawn naraw kwadru mpitter madwar is-sena xogħol Ramiro Calì. Dan juri kemm id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju hija qawwija fost l-Għawdxin għaliex il-Fontana hija kommunità biswit il-belt Victoria. Devot tar-Rużarju kellu kull ċans imur f'liema knisja ewlenija Rabtija li jrid għaliex din tinsab ftit 'l bogħod mid-dar tiegħu. Minkejja dan kollu, fil-Fontana hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju.

**Għajnsielem**

Parroċċa Għawdxija oħra hija dik ta' Għajnsielem. Din għandha l-knisja Arċipretali ddedikata lill-Madonna ta' Loreto. L-ewwel ġebla tal-knisja tqiegħdet fis-sena 1924. Din mhix l-unika knisja parrokkjali ta' din il-parroċċa. Qabel kien hemm oħra li għadha teżisti sal-ġurnata tal-lum. Għajnsielem saret parroċċa fis-sena 1855 u Arċipretali fl-1965. F'din il-knisja parrokkjali l-qadima hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Dan hu xogħol tas-sena 1890 u ħareġ mill-pinżell ta' Giuseppe Calì.



**Għarb**
Il-knisja ewlenija ta' din il-parroċċa hija l-knisja kolleġġjata Bażilika Arċipretali tal-Viżitazzjoni tal-Madonna. L-ewwel ġebla tal-knisja tal-lum tqiegħdet fis-sena 1699. Il-knisja saret parrokkjali fis-sena 1679. F'din il-knisja hemm kwadru li xi studjużi ta' l-arti attribuh lill-pittur Portugiż Emanuel Perejra.

**Għasri**
Il-knisja parrokkjali ta' din il-parroċċa hija ddedikata lill-Kristu Ewkaristiku Salvatur. L-ewwel ġebla ta' din il-knisja tqiegħed fis-sena 1903 u saret parrokkjali 18-il sena wara F'din il-knisja hemm artal idddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Il-pittura tiegħu saret fis-sena 1928 mill-pinżell ta' Ġanni Vella.

**Kerċem**
Il-knisja parrokkjali tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor rat l-ewwel ġebla tagħha fis-sena 1846. Din saret parrokkjali fis-sena 1885. F'din il-knisja parrokkjali hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Dan l-artal għandu kwadru qadim xogħol aktarx ta' Swor Maria de Dominicis. Dan l-inkwadru kien rigal ta' l-Isqof ta' Għawdex Monsinjur Pietru Pace.

**Munxar**
F'din il-parroċċa hemm knisja ewlenija ddedikata lil San Pawl Nawfraġju. L-ewwel ġebla tagħha tpoġġiet fis-sena 1914. Din il-knisja sret parrokkjali fis-sena 1957. Din il-knisja m'għandhiex artal tal-Madonna tar-Rużarju iżda fil-knisja hemm statwa li hija wkoll simbolu tad-devozzjoni marjana.

**Nadur**
Il-knisja arċipretali kolleġġjata Bażilika ta' San Pietru u San Pawl Appostli saret parroċċa fis-sena 1688. L-ewwel ġebla tpoġġiet fis-sena 1760. Din il-knisja saret arċipretali fis-sena 1894 u sena wara saret kolleġġjata. Fis-sena 1967 saret Bażilika. L-artal tal-Madonna tar-Rużarju jinsab fil-ġnieb u hu attribwit lil ħu Swor Maria, Fra Francesco de Dominicis.

**Qala**
Din il-parroċċa kellha l-ewwel knisja parrokkjali l-knisja tal-Madonna tal-Kunċizzjoni. Din il-parroċċa twieldet fis-sena 1688. Il-knisja arċipretali tal-lum hija ddedikata lil San Ġużepp. Din bdiet tinbena fis-sena 1882. F'din il-knisja hemm artal iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju b'kwadru li sar fis-sena 1913. Dan hu xogħol Ġanni Vella. Ta' min jgħid lidan kien l-ewwel xogħol artistiku li għamel Vella għal din il-knisja parrokkjali.



**San Lawrenz**
Il-knisja parrokkjali hija ddedikata lill-qaddis li għalih hija msemmija din il-kommunità - San Lawrenz. F'din il-knisja hemm artal iddedikat lill-Madonna ta' Pompei. L-inkwadru tiegħu hu xogħol Giuseppe Calì.

**Sannat**
Il-knisja arċipretali ta' Santa Margerita nbniet fis-sena 1718 u saret parroċċa fl-1688. Fis-sena 1893 din il-knisja saret arċipretali. F'din il-knisja hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Dan jinsab f'wieħed mill-kappelluni. L-artist ta' dan l-inkwadru hu Luigi Busuttil u sar qrib is-sena 1865. Fis-sena 1915 dan l-artal ġie miksi bl-irħam u l-kwadru ġie mibdul ma' wieħed ta' Ġanni Vella.

**Victoria**
Hawn insibu żewġ parroċċi. Il-knisja kattidrali ta' Santa Marija Assunta tal-lum bdiet tinbena fis-sena 1697. Il-knisja ta' qabel saret arċipretali fis-sena 1560. Din saret kolleġjata fis-sena 1623. Il-knisja tal-lum saret kattedrali fl-1864. F'din il-knisja hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Dan jinsab fil-kappellun fuq ix-xaqliba ta' l-epistola ta' l-artal maġġur. Fis-sena.1764, skond il-ktiieb Agius de Soldanis f'dan il-kappellun kien hemm kwadru u miegħu kien hemm 15-il kwadru żgħir li juru l-misterji tar-Rużarju. Il-kwadru tal-lum sar minn artist mhux magħruf, iżda skond Achille Ferris jgħid li dan hu xogħol ta' artist minn Ruma.
It-tieni knisja parrokkjali ta' din il-kommunità hija l-Bażilika kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri. Il-knisja Proto-parrokkjali u arċi-matriċi hija wkoll bażilika u kolleġġjata Laternensi. Din saret parroċċa qabel is-sena 1450. L-ewwel ġebla ta' din il-knisja tpoġġiet fis-sena 1672. Hi saret bażilika fis-sena 1958, arċipretali u kolleġġjata fis-sena 1976. F'din il-knisja ewlenija ta' din il-belt ma nsibux artal iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju. Skond riċerka qabel kien hemm xi xogħol artistiku ddedikata lill-Madonna tar-Rużarju.Fis-sena 1887 Ignatio Cortis pitter kwadru mdaqqas tal-Madonna tar-Rużarju taħt ix-xbiha tal-Madonna ta' Lourdes. Dan tqiegħed fuq l-artal ta' San Lazzru f'wieħed mill-kappelluni. Wieħed jifhem li meta jkun hemm aktar minn knisja parrokkjali waħda fl-istess kommunità d-devozzjonijiet li jitwieldu f'knisja partikolari ma jitwilduxf'knisja ewlenija oħra. Dan narawh fil-belt Valletta fejn hemm tliet parroċċi u diversi knejjes konventwali. Narawh ukoll f'Tas-Sliema fejn hemm diversi parroċċi.

**Xagħra**
Il-knisja arċipretali Bażilika tax-Xagħra hija ddedikata lit-Twelid tal-Verġni Marija. Din hija magħrufa wkoll bħala l-knisja tal-Bambina jew tan-Natività jew Vitorja. L-ewwel ġebla tal-knisja tal-lum tpoġġiet fis-sena 1815. Din saret arċipretali fis-sena 1893, kolleġġjata 1900, bażilika fl-1967. Din il-parroċċa twieldet fl-1688. hawn insibu artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju xogħol Rocco Buhagiar. Dan sar fis-sena 1767.



**Xewkija**
Il-knisja arċipretali ta' San Ġwann Battista tal-lum bdiet tinbena fis-sena 1952. Il-knisja ta' qabel saret parrokkjali fl-1678 u arċipretali fis-sena 1893. Fil-knisja ta' qabel kien hemm artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, xogħol Francesco Zahra. Dan sar lejn tmien is-seklu 18. Illum dan ix-xogħol jinsab fil-Mużew parrokkjali ta' din il-parroċċa.

**Żebbuġ**
Din il-parroċċa għanda l-knisja ewlenija tagħha l-knisja arċipretali ta' Santa Marija Assunta. Din il-knisja bdiet tinbena fis-sena 1690 u saret parroċċa fl-1688. Ġiet mogħtija l-unur ta' arċipretali fis-sena 1963. Hawn wieħed issib kwadru xogħol Robert Caruana Dingli. Dan tqiegħed fil-knisja parrokkjali qrib iis-sena 1923.

**Konklużjoni**
Id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju hija mifruxa sewwa fil-parroċċi Għawdxin. Hemm parroċċa waħda biss li ma ghandiex artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Din hija parroċċa 'moderna' ghakemm hemm xbiha ta' devozzjoni tar-Rużarju billi hemm statwa. L-artal juri kemm missirijietna kellhom qima lejn ir-Rużarju. Ix-xogħol li kien wettaq dak il-patri dumnikan kiber fuq li kiber fuq il-gżira Għawdxija.

**Joseph C. Camilleri BA Dlam MED (Pl & Mgt)**

**Referenzi**
Anthony Mario Saliba "Kwadri tal-Madonna tar-Rużarju fil-knejjes parrokkjali ta' Għawdex" Leħen is-Sewwa 23/10/1993.

**FUNERAL'S UNDERTAKER**

**FRANCIS BORG**
**DAY AND NIGHT SERVICE**
**TAXI SERVICE AVAILABLE**

**'FRANCIS'**
**GUDJA ROAD, LUQA**
**TELEPHONE: 21 895159**
**MOBILE: 9949 0161**